32000D0738

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-17 ta' Novembru 2000
li tikkonċerna kwestjonarji għar-rapporti ta' l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/31/KE dwar it-tpoġġija ta' l-iskart f' landfill

(notifikata bid-dokument numru K(2000) 3318)

(2000/738/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar il-*landfill* bl-iskart [1], b'mod partikolari l-Artikolu 15,

Billi:

(1) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 1999/31/KE jeħtieġ li l-Istati Membri jibgħatu lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(2) Dan ir-rapport għandu jitħejja fuq il-bażi tal-kwestjonarju jew forma abbozzata mill-Kummissjoni skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE [2].

(3) L-ewwel rapport għandu jkopri l-perijodu mis-16 ta' Lulju 2001 sal-2003.

(4) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kwestjonarju fl-Anness qiegħed b'dan jiġi adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Novembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 182, tas-16.7.1999, p. 1.
[2] ĠU L 377, tat-23.12.1991, p. 48.

ANNESS

KWESTJONARJU

Għar-rapport ta' l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 99/31/KE dwar landfill bl-iskart

M'hemmx il-ħtieġa li jiġi ripetut tagħrif diġa provdut, iżda jekk jogħġbok indika meta u fejn dan it-tagħrif kien provdut.

I. **Trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali**

1. X'inhuma l-liġijiet kurrenti u r-regolamenti fis-seħħ għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva f'liġi nazzjonali? Għal dawk l-Istati Membri fejn entitajiet reġjonali għandhom ir-responsabbiltajiet li jagħmlu disposizzjonijiet dwar landfill, dawn id-disposizzjonijiet huma meħtieġa li jintbagħtu wkoll. Jekk jogħġbok indika b'mod preċiż fejn kull disposizzjoni tad-Direttiva tkun ġiet trasposta.

2. Agħti tagħrif ġenerali dwar l-użu ta' gass kollettiv ta' landfill biex jipproduċi l-enerġija inklużi l-miżuri biex titnaqqas il-ħsara għal jew id-deterjorament ta' l-ambjent u r-riskju għas-saħħa tal-bniedem permezz tal-ġbir, it-trattament u l-użu tal-gass tal-landfill.

3. Agħti deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri provduti biex jitnaqqsu l-inkonvenjenti u l-perikoli skond l-Anness I, sezzjoni 5.

4. Saru listi jew kriterji biex l-iskart jiġi aċċettat jew rifjutat f'kull klassi ta' landfill? Jekk iva, dawn il-listi jew kriterji kif ukoll il-limiti tal-valuri u l-metodi ta' analiżi intbagħtu lill-Kummissjoni?

5. Agħti tagħrif dwar il-metodu ta' ġbir ta' tagħrif meteoroloġiku kif riferit fl-Anness III, Sezzjoni 2.

6. Agħti deskrizzjoni qasira tas-sistema ġenerali għas-sorveljar tal-lissija, ilma tal-wiċċ u emissjonijiet potenzjali ta' gass u pressjoni atmosferika kif riferita fl-Anness III, Sezzjoni 3.

7. Agħti tagħrif ġenerali dwar is-siti tal-landfill li għalihom il-kejl tal-volum u l-komposizzjoni ta' l-ilma tal-wiċċ provdut fl-Anness II, Sezzjoni 3 tqies li ma kienx meħtieġ.

II. **Implimentazzjoni tad-Direttiva**

1. L-Istati Membri għamlu użu mill-għażla provduta fl-Artikolu 3(3) (skart mhux perikoluż ħlief skart inerti mill-ipprospettar u estrazzjoni, trattament u ħażna tar-riżorsi minerali kif ukoll mit-thaddim tal-barrieri)?

   Jekk iva, jekk jogħġbok agħti dettalji ta' dawn l-eżenzjonijiet.

2. L-Istati Membri għamlu użu mill-għażla pprovduta fl-Artikolu 3(4) (gżejjer u kolonji iżolati)?

   Jekk iva, jekk jogħġbok agħti dettalji ta' dawn l-eżenzjonijiet, inkluż tagħrif dwar il-kwantitajiet u, fejn possibbli, t-tipi ta' skart li jitwassal f'dawn is-siti eżentati.

3. L-Istati Membri għamlu użu mill-għażla pprovduta fl-Artikolu 3(5) (ħażna taħt l-art)?

   Jekk iva, jekk jogħġbok agħti dettalji tal-faċilitajiet tal-ħażna, l-eżenzjonijiet, inkluż tagħrif dwar il-kwantitajiet u, fejn possibbli, t-tipi ta' skart li jitwassal f'dawn is-siti eżentati.

4. (a) Ġiet żviluppata u notifikata lill-Kummissjoni strateġija nazzjonali għat-tnaqqis ta' skart bijodegradabbli li jitwassal fil-landfill skond l-Artikolu 5(1)?

   Jekk le, jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex.

   (b) Agħti indikazzjoni dwar liema skart huwa klassifikat f'livell nazzjonali bħala skart bijodegradabbli u liema skart bħala skart bijodegradabbli muniċipali.

   (c) Indika l-esperjenzi miksuba mill-applikazzjoni prattika ta' l-istrateġija.

   (d) Indika l-ammont ta' skart muniċipali degradabbli (f'tunnellati, fejn possibbli mqassam f'kurrenti ta' skart) prodott fl-1995 (rispettivament fl-aħħar sena qabel l-1995 li dwarha statistika Eurostat standardizzata hija disponibbli).

   (e) Indika l-ammont ta' skart muniċipali bijodegradabbli u skart ieħor bijodegradabbli (kemm f'tunnellati, fejn possibbli mqassam f'kurrenti ta' skart) li jitwassal fil-landfill għal kull sena tal-perijodu ta' rapportaġġ.

   (f) Liema adattamenti ta' l-istrateġija huma maħsuba?

5. Indika in-numru ta' landfills eżistenti:

	Landfill għal skart perikoluż	Landfill għal skart mhux perikoluż	Landfill għal skart inerti	Ohrajn (*)
Numru totali ta' landfills eżistenti				
Numru ta' dawn il-landfills li jikkonformaw mad-Direttiva				
Numru ta' landfills magħluqa (ebda depożitar) mis-16 ta' Lulju 2001				
Numru ta' landfills armati mill-ġdid				
Il-bqija tal-kapaċità (tunnellati)				

(*) fejn meħtieġ, sa l-aħħar tal-perijodu transitorju; speċifika t-tip ta' landfill

6. Liema miżuri ttieħdu biex jiġi żgurat li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 10 li jikkonċerna in-nefqa tal-landfill tintlaħaq?

7. Agħti deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri pprovduti biex jiġu evitati effetti ħżiena ambjentali fil-landfill magħluqa skond l-Artikolu 13?

8. Agħti deskrizzjoni fil-qosor tal-proċedura ppjanata għall-landfill fir-rigward ta' l-Anness I, Sezzjoni 1 (lokazzjoni tal-landfill).

9. Agħti deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri tekniċi pprovduti biex jiġi żgurat li l-ħtieġijiet ta' l-Anness I, Sezzjoni 2 (kontroll ta' l-iskart u l-immaniġġar tal-lissija) jintlaħqu.

10. Ħtieġijiet ġenerali jew speċifiċi kif stipulati fl-Anness I ġew provduti għall-landfill bi skart inerti?

11. Il-ħtieġijiet stipulati fl-Anness I, paragrafi 3.2 u 3.3 ġew imnaqqsa għal ċerti landfills? Jekk iva, agħti tagħrif ġenerali dwar dawn il-landfills.